**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 16 ta' Dicembru, 2020

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**
**-vs-**
**Lewis Pace, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 0604354M**

*Kumpilazzjoni Nru. 690/2019*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Lewis Pace** u ċioè talli:

Nhar is-07 ta' Awwissu, 2019, u fiż-żminijiet ta' qabel din id-data ġewwa l-fond 89, Triq Barth, il-Ħamrun:

1. B'diversi atti magħmulin minnu, li ġew magħmula fiż-żminijiet differenti, li kisru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda ġiegħel lill numru, u ċioe` tlieta u għoxrin, ta' klieb [sic] isofru minn uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn;

2. Fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi ma pprovdiex kenn xieraq komdu u kbir biżżejjed lill-klieb imsemmija;

3. Fl-istess żminijiet, ġewwa dawn il-Gżejjer, meta kellu l-klieb hawn fuq imsemmija naqas milli jiddentifikahom elettronikament.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija flimkien mal-pieni preskritti tordna lil imputat iħallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attivita' regolata taħt l-Att u għall-spejjeż oħra raġenevoli kif il-Qorti jidrilha xieraq ai termini tal-Artikolu 45 (3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Dan il-kaz jittratta spezzjoni li saret minn ufficjali tad-dipartiment tal-*Animal Welfare* gewwa fond l-Hamrun, Triq Barth, fejn instabu numru kbir ta' klieb li sond l-istess ufficjali dawn ma kienux mizmumin tajjeb, anzi nstabu f'kundizzjoni ta' hmieg liema bhalu bil-klieb anke jsoffru minn abbandun, *neglect*, kbir.

**L-Ispettur Matthew Galea** spjega kif gie nfurmat minn certu Marisa Portelli, *animal welfare officer*, li kienet ser isir spezzjoni relatata ma diversi klieb fil-fond 89, Triq Barth, il-Hamrun, li x'aktarx kellha twassal sabiex dawn il-klieb jittiehdu minn fuq il-post. Ikompli, *"F'din l-operazzjoni gew involuti zewg ambulanzi tal-annimali li hadu l-klieb imsemmija gewwa l-isptar tal-annimali. Sussegwentament jien l-Ispettur Matthew Galea ircevejt kwerela mid-direttorat tal-Animal Welfare rigward dan il-kaz. Il-Kwerela originali li qed nissottomettiha hawnekk u qed tigi mmarkata DOK MG."*.[1] Fl-istqarrija li ttiehdet lill-imputat dan stqarr li kien kemm klieb li ma kienux ixjeh minn xahrejn u nofs u ghalhekk ma kienux *chipped*. Sahaq li hu jitma' w jisqi l-klieb ta' kuljum. Qal ukoll li kienu l-klieb iz-zghar biss li nzammu f'gaggeg.[2]

[1] Fol.11-12
[2] Fol.12

Il-kwerela mid-Dipartiment tal-Animal Welfare giet esebita.[3] Skond l-istess kwerela l-annimali soffrew tbghatija, skumdita` u dwejjaq minghajr bzonn billi Pace naqas li jmantni l-pijl taghhom b'rizultat li dawn spiccaw b'hafna ghoqiedi u pijl mahmug; ma provdiex attenzjoni veterinarja lill-hafna mill-klieb li kellhom kundizzjonijiet kronici; zammhom f'dar mahmuga u tintenn bl-eskrement taghhom stess u zamm uhud mill-klieb f'gaggeg zghar hafna.[4]

Gie esebit il-**Current Incident Report** jirrizulta li meta Pace gie mitkellem mill-pulizija x'hin kinet qed isir l-ispezzjoni, dan ikkowopera.[5] Minn fuq il-post ittiehdu 23 kelb.[6]

**Noel Montebello** jixhed li Pace ikkowopera mal-awtoritajiet. Semma kif ta' spiss qed jigri li min izomm annimali ma jkollux dak l-gharfien mehtieg u sabiex ikompli jigi assikurat il-benessere tal-annimal dan jigi kkonfiskat u moghti hajja ahjar. Montebello, li ma kienx mar fuq il-post, jghid li fil-fehma tieghu, dan ma kienx kaz ta' mohqrija b'kattiverja.[7] Dwar il-klieb, l-ebda wiehed ma kien *chipped* fuq l-imputat.[8]

**Dr. Luke Vella Verzin** gie msejjah fuq il-post minn spetturi tad-dipartiment tal-*animal welfare* li sabu quddiemhom kaz aktar gravi minn dak originarjament mahsub.[9] Il-veterinarju jaghti stampa elokwenti ta' dak li ra x'hin dahal fil-fond tal-imputat: *"rajtha kollha d-dar minn isfel sa fuq nett, sa fuq il-bejt u rajt l-annimali kollha li kien hemm, is-sitwazzjoni, il-hmieg, il-problemi fl-annimali li kien hemm... Rajt tlieta u ghoxrin kelb mahmugin hafna* ***fizikament mahmugin, il-piel taghhom kien mahmug hafna, inkallat****, jekk nista' nghidlek dik il-kelma. Il-madum,* ***l-art inkallat ukoll, kullimkien, kull fejn tmiss u thares hemm il-hmieg tal-annimali, l-arwina tal-annimali, irwejjah*** *kienu evidenti ta li ghidni kif qed nghid. Ma kienx hemm affarijiet sbieh ha nghid hekk, kien hemm ksur ta' l-annimal welfare act. .... Iva* ***skrementi taghhom u l-awrina***[10]*... Kien hemm, tlett razez, kien hemm Shih Tzus, kien hemm Maltese terrier jghidulu imma mhallat u Chihuahuas.... Biex inkompli inzid dawn il-klieb kien hemm anke* ***ftit minnhom maghluqin go gageg zghar taht in-normal ta' kif suppost izzommhom****... Kien hemm* ***klieb bi problemi f'ghajnejhom, problemi li kieku gew ikkurati minn qabel ma kienux jaslu fi hsara irriversibbli li gew fihom****. Kien hemm klieb anke bil-[puppie] kollha insomma f'dan l-*<u>*abjent mahmug u livell baxxa ta' sanita'*</u> *bazikament kemm ghan-nies u* <u>*kemm*</u>

[3] **Dok.MG** a fol.15-17
[4] Fol.15
[5] Fol.22
[6] Fol.23
[7] Fol.66-67
[8] Fol.68
[9] Fol.24
[10] Fol.25

*ghall-animmali...**Tip ta' gageg li forsi zzomm qattus fihom**..... **Bhala daqs tal-gageg li zzomm il-fniek fihom, kien hemm iktar minn kelb wiehed fihom. Kien hemm gagga minnhom kemm kemm ikbar, qisu nofs metru, kien hemm zewg iklieb mara u ragel ...** Chihuahuas qed nghidu, jigifieri klieb zghar imma still izghar minn normal orrajt, jigifieri kienet evidenti li dawn it-tnejn kienu hemm ghat-tghammir ghax kienu mara u ragel.... ma setghux jaharbu jigifieri **la sodda dawn ma kellhom. Dawn kellhom bicca tray tahthom u daqshekk. ...li rajt kien hemm tlett gageg** u kien hemm kaxxa f'kamra tas-sodda minnhom kien hemm xi griewi fiha. Kaxxa miftuha mis-saqaf, ma kelliex ghatu.... Meta ovvjament imbaghad rajt li l-affarijiet huma kif tghid bl-Ingliz huma ta' beyond repair sewwa, jien iddecidejt li dawn l-annimali jittiehdu minnufih u hadnihom insomma**....**Hadnihom dritt l-isptar tal-annimali ........gew zewg ambulanzi u ghabbejnihom u haduhom l-isptar, iccekjawhom kollha u mbaghad gew moghtija lil santwarji differenti biex jigu addottati, biex isibu hajja ahjar milli kellhom.".*[11] Jispejga li fi whud mill-annimali kien evidenti li dawn kienu qed isofru **problemi f'ghajnejhom**.[12]Dr. Vella Verzin ipprezenta kopja tal-*inspection report*.[13]

In kontro-ezami jikkonferma li kien hemm bejn 5 griewi Shih Tzu u 2 griewi Chihuahua. Il-**klieb il-kbar** ***"kienu qed jigru mad-dar kollha** kellhom access ghad-dar kollha biex tipprova tippikcerja l-hmieg, l-koko, beda' minn kif ftaht il-bieb.".*[14] Il-griewi kienu f'gagga tal-fniek waqt dawk il-griewi Shih Tzu kienu go kaxxa miftuha, tant li wiehd minnhom instab taht is-sodda, *"Qabez taht is-sodda, jigifieri dan **kellu access ghall-hmieg tal-klieb kollha** li kien hemm"*[15]. It-tabib veterinarju sahaq li l-klieb iz-zghar mhux kollha gew appartati mill-kbar ***"Is-Shih Tzus setghu l-klieb l-ohra jigifieri imorru jaghmlu kuntatt maghhom**. Kif ghidtlek kien hemm minn 7, tnejn biss kienu go gagga tal-fniek fuq mejda wahedihom, ma jista' jasal ghalihom hadd, il-bqija kull kelb li kien hemm fid-dar tigri, seta' jaghmel kuntatt ma' dawn il-griewi, il-hames griewi tas-Shih Tzus..... Kellhom access, kienu gol-kaxxa imma mill-kaxxa jistghu jaqbzu minnha".*[16]

Apparti ghal griewi kien hemm anke **klieb adulti maqfula go gaggeg, ic-chihuahuas kienu koppja mara u ragel maqfula wahedhom u f'gagga ohra kien hemm kelba ta-fenek xiha maqfula fiha.**[17] Dr. Vella Verzin jiddikjara li l-ebda minn dawn il-klieb ma kienu *chipped* fosthom seba (7) griewi li kienu ta' anqas minn erba xhur w ghalhekk fir-rigward ta' dawn il-griewi Pace kienu ghadu bic-cans li jiccipjahom. Il-kumplament, **sittax, kellhom jigu *chipped* izda**

---

[11] Fol.26-27
[12] Fol.27
[13] **Dok.LV** a fol.40 et seq. Kopja bil-kulur **Dok.LVVC** a fol.74 et seq
[14] Fol.29
[15] Ibid.
[16] Fol.30
[17] Fol.31

**ma kienux**.[18] Ghalkemm x'hin wasal hu, wara li ssejjah mill-ufficjali tieghu, ra ilma u ikel, dawn kienu nfurmawh li kien malli dahhlu fil-fond li Pace beda jimla l-*bowls* tal-ilma u ikel u dlonk l-annimali qabdu w marru jiffangaw.[19] Osservazzjoni f'waqtha tax-xhud hi s-segwenti *"l-ilma frisk sax-xifer jigifieri kien jidher li ghadu kif ghadu kif intela'".*[20] Jispjega dak li mmottivah biex jordna li dawn il-klieb jittiedhu minn fuq il-post: *"L-ambjent wahdu biss ghalija, ma stajtx,* ***ma kelliex qalb inhalli siegha ohra, let alone gurnata ohra dawk il-klieb f'dak il-hmieg, ma jirrikjediex gurnata biex tnehhi dak l-ammont ta' hmieg li kien hemm*** *ta"* indikazzjoni li l-hmieg kien ilu jakkumula.[21] In ri-ezami jixhed li hu wasal fuq il-post wara li l-ufficjali tieghu kienu waqfu mill-ispezzjoni sakemm hu gie msejjah.[22]

Ir-rapport maghmul minn Dr. Vella Verzin, Marisa Portelli u Mario Axisa, jindika kif minn bejt ta' gar ta' Pace raw klieb jigru fuq il-bejt. Meta Pace wasal fuq il-post u dahhlu gewwa

*"In the house there were many toy breed dogs <u>running around in every room</u>. The upkeep of the house was* ***horrendous: no electricity, sticky floors with faeces and urine scattered everywhere, walls included.... everything was brown and smelly****, from the entrance of the house up to the roof. <u>Cleaning was a rare chore</u> by Mr. Pace. <u>The dog had no food nor water upon arrival, so Mr. Pace quickly started throwing dry food and fresh water in their bowl</u>. Walking around the house we could see* ***pairs of dogs caged together, clearly for breeding purposes. The cages were too small for the dogs,*** *infringing with S.L.439.21 Regulation 4. A number of pregnant dogs were found, together with 2 mother dogs with 2 and 5 puppies each.*

*The following dogs were present:*
*7 Shih Tzu dogs: 5 of them are puppies*
*1 Maltese terrier cross*
*15 Chihuahua dogs; 2 of them puppies*

*Most dogs [had]* ***overgrown nails, eye disease and some had general hair loss****.*

*The Maltese terrier cross was* ***full of faeces entangled in its fur*** *and needed urgent grooming.* ***None of the dogs were microchipped.*** *In general, all the dogs in the house were living in a terrible environment."*[23]

---

[18] Fol.32
[19] Fol.33
[20] Ibid.
[21] Fol.35
[22] Fol.37
[23] Fol.41

Jigi rilevat li kuntrarjament ghal dak li tissottometti l-abbli difiza fit-trattazzjoni finali minn taghha, dan ma kienx l-ewwel rapport maghmul fil-konfront ta' Pace. Ir-rapport jindika li xahar qabel kien sar rapport iehor xahar qabel.[24]

Riprodott Dr. Vella Verzin esebixxa l-istess rapport bir-ritratti bil-kulur.[25] Sfortunatament dawn jikkoroborraw bi shih dak li ssemma minn Vella Verzin fis-seduta precedenti li gie deskritt b'tant elokwenza w dettal fir-rapport. L-**abbandun u l-hmieg esagerat** huma dak li kkaraterizzaw il-post li fih kienu qed jinzammu dawn il-klieb. Il-**gaggeg manifestament zghar**[26] li fihom Pace dehrlu li ghandu jzomm il-klieb huma evidenza mhux ta' min jistqarr li hu dilettant tal-hbieb u jhobbhom daqs *"ihobbhom daqs id-dawl ta' ghajnejh"* (kif jistqar l-abbli difensur),[27] izda ta' persuna bla qalb li fil-klieb rat kif iddawwar lira sew - tenut kont li dawn il-klieb <u>ma jinbieghux bl-irhis</u> - u xejn izjed.

Min jimpurtah minn annimal, izommu kurat, komdu w mhux ihallieh jghix f'delirju ta' hmieg minghar attenzjoni ghall-kundizzjoni ta' sahhtu; dan ukoll jissarraf f'abbandun! Kif jixhdu r-ritratti, dawn il-klieb instabu fi stat dizastruz u pjetuz. Il-kundizzjoni li nzammu fiha dawn il-klieb juru li sfortunatament ghalkemm hu minnu li jinghad li kelb hu *"man's best friend"*, il-bniedem jaf ikun *"a dog's worst nightmare"*.

**Dr. Rose Bonanno** tiddeskrivi l-istat ta' whud mill-klieb li ezaminat: *"Kien hemm tahlita ta' Chiauhua u Shitsus bhala razza, dawk li kienu nisa kien hemm evidenza li wisq probabli <u>kienu qeghdin jew ser iwelldu jew kienu ghadhom kif welldu</u>. Ix-Shitsus kienu fortunatament hafna minnhom kellhom hafna ghoqod u l-izjed haga konsistenti kienet li kellhom <u>hafna brieghed li turi li kien hemm evidenza li kienu jghixu f'post bil-hmieg</u> u affarijiet hekk."*[28] Tkompli *"Kien hemm klieb li kienu kundizzjoni mhux hazin, ha nghidu hekk, they were clinically healthy, kollox kellhom sew bhala ahna nuzaw sistema li nghidulu body condition score fejn ezempju kemm hu irqiq l-annimal, kemm hu ohxon l-annimal u dawn min kien go stat tajba, to be fair. Kien hemm min li ma tantx kien wisq ta' hekk, ha nghidu hekk. L-izjed haga konsistenti skont ir-records li ghandi quddiemi <u>ma kien hemm l-ebda animal li kien underwieght</u> ezempju pero konsistenza li kien hemm li kienu **infettati bil-brieghed** which could have resulted in ezempju **loss of fur**, kien hemm kaz partikulari li kellu **infezzjoni qawwija tal-gilda u dawk il-klieb li sfortunatament li kellhom pijl daqsxejn izjed ohxon, bhal Shitsus huma l-izjed li jsofru**, ghax ovvjament il-bacteria li ngabar*[29]*…… first of all <u>jekk inti qed tiehu hsieb tlieta u ghoxrin annimali, you do have</u>*

[24] **Dok.LVVC** a fol. 74: *"On 4/7/19 and again on 7/8/19"*
[25] **Dok.LVVC** a fol.74 et seq.
[26] Fol.92-94
[27] Fol.369
[28] Fol.99
[29] Fol.101

*to question f'liema kundizjoni dawn qed jinzammu. Tista tghid li forsi jinzammu b'mod ezemplari but you do have too question it tlieta u ghoxrin annimal kif qed jinzammu go post zghir. Issa jiena access lejn ir-ritratti ma kelliex, kelli llum u it is quite obvious li hemm il-hmieg".*[30]

Dwar il-klieb femminili tixhed li dawn kienu ghadhom kif welldu jew kienu tqal.[31] *"The ones that were* ***infested with fleas, li kellhom patches ta' hair loss, that is a case of neglect…****.Tant jibdew ihokku l-annimali li jibda jaqa l-fur. Kien hemm wiehed f'kaz partikulari that it was so bad li kellu anke* ***infezzjoni fil-gilda*** *with a most likely secondary tal-brieghed resulting in hakk bazikament jaqghad il-peel, ikun hemm infezzjoni fil-peel li imbaghad tispica li jkun hemm infezzjoni fil-gilda. Mhux kull kaz kien hekk, fair enough pero the majority all had fleas u kienu qed ibatu mill-konsegwenzi ta' brieghed. Klieb ohrajn kellhom kundizzjonijiet li wara li nghataw l-kura mehtiega gew discharged mill-sptar tal-annimali".*[32]

Gie esebit 'Summary of Medical Records' li fih hemm elenkati 23 kelb u l-kundizzjoni li kienu fiha. Jissemma' kif kien hemm klieb ibghatu minn ***dental disease, alopecia, pendulous abdomen, fleas, parasites*.**[33] Kelb iehor tant kellu l-pijl mghaqqad li *"Had to be groomed under sedation … limb with very bad skin condition and appeared in pain, inter digit space quite dirty and inflamed…massive flea infestation. Had to be hospitalised due to worsening condition of the skin".*[34]

**Marisa Portelli** wara li kkonfermat ir-rapport maghmul minnha ma Dr. Vella Verzin u Mario Axisa, spjegat li kienet ix-xena ***"tal-biza"*** li rat li kkostringiet lilha w lil Axisa jcemplu lil Dr. Luke Vella Verzin biex imur fuq il-post.[35] Meta l-imputat tellaghhom fil-kcina sabu *"Klieb gol-gageg,* ***klieb gol-gageg tal-fniek****, l-ewwel ma staqsejtu* ***fejn hu l-ikel u fejn hu l-ilma****. [Magts: Ghaliex?]* ***Ghax ma kellhomx****. Imbiegh, biki, nidhol go kamra ohra nsib il-puppies jigru u min mitluq, kien hemm wiehed minnhom li ma tantx kien tajjeb mill-puppies,* ***qalli ha nibda ntihom u beda jaghti l-ikel u l-ilma dak il-hin****. Ergajna tlajna sular iehor u nergghu nsibu l-istess, il-klieb kienu l-adults bid-dwiefer jigifieri bis-suf imwaqqa, tal-biza. [Magts: Id-dwiefer xjigifieri?] Twal, kien hemm minnhom eye infection ukoll, makabra kienet l-istorja….. Kif tlajna* ***d-dar mimlija skuzi hmieg tal-klieb li ma stajniex nghaddu biex tlajna t-tarag, fil-kmamar l-istess kull mhemm hmieg****, jien ghandi l-videos fuqi."* Kien hemm 23 kelb li ttiehdu l-isptar tal-annimali.[36] Riprodotta tichad li qatt weghdet lil Pace li mhux ser jittiehdu passi fil-konfront

---

[30] Fol.102
[31] Fol.103
[32] Fol.103-104
[33] **Dok.RB** a fol. 106-108
[34] Fol.106
[35] Fol.110
[36] Fol.110-111

tieghu, u ziedet li galadarba ittiehdulu l-klieb ma kienx jaghmel sens li lilu jinghad li ma kienux ser imexxu kontra tieghu. Ma tichadx izda, li qaltlu kliem fis-sens biex jikkowopera biex l-affarijiet ma jikbrux.[37]

Il-Qorti ordnat li l-filmati u ritratti li ttiehdu minn din ix-xhud, jigu estratti minn fuq il-mobile taghha. Keith Cutajar esebixxa faxxikolu kontenti *stills* kif ukoll *clips* qosra.[38] Minn dawn l-*stills* johrog aktar fid-deher l-istat hazin anzi stat t'abbandun totali, li kienu qed jinzammu fih dawn il-klieb. Il-hmieg li akkumula hu wiehed notevoli li ma jixrqa lill-ebda holqien! **It-torgien u l-art[39] sal-kulur tilfu moghtijja kif inhuma b'materjal kannella li x-xhieda li dahhlu fil-fond jghidu kien *faeces* tal-klieb**. Fl-istess ritratti gaggeg, evidentement mhux adatti ghad-daqs tal-annimal/i mizmum/a fihom, jidhru mferxin anke fuq mwejjed u l-*cupboard*.[40] Klieb adulti jidhru wkoll jiggerrew mad-dar filwaqt li f'kaxxa miftuha tlett griewi esposti ghall-periklu kawzat minn dawn l-istess klieb li kellhom access facli ghalihom.[41]

**Mario Axisa** jixhed kif mar jaghmel spezzjoni fil-fond mikri lill-imputat: *"Fethilna l-bieb, qalilna orrajt nistghu nidhlu u bdejna naraw klieb jigru gol-post, kien hemm **irwejjah li ma jnaddafx tipo awrina u ta' hmieg tal-klieb.... Irwejjah u li ahna u mexjin bdejna naraw li hemm il-hmieg, saqajna tehel mal-art**, kien hemm dak it-tip ta' hmieg. Klieb fuq u isfel insomma tlajna fuq. Kien hemm **il-klieb gol-gageg** u bdejna niccekkjaw humiex iccipjati, staqsejnih humiex iccipjati u **qalilna li ma humiex iccipjati u bdejna niccekjaw humiex iccipjati u ma kienux iccipjati......** Klieb kien hemm hamsa Shitsu, hamsa minnhom puppies, wiehed Maltese terrier mix u 15 il-Chihuahua, tnejn minnhom puppies"*.[42]Ikkonferma r-rapport esebit minn Dr. Vella Verzin.[43] Jispjega li *"**kien ilu ma jnaddaf zgur**... Ghax jidher il-hmieg li hemm 20 kelb il-hmieg li jaghmlu 20 kelb ghandna esperjenza bizzejjed li minn hemm inkunu nafu kemm ihammgu.... Kien hemm il-bowls u kienu vojta dak il-hin imbaghad kif dahal hu beda' jaghtihom l-ikel u beda' jitfaghlhom l-ilma biex jisqihom. Dak il-hin il-bowls tal-ikel li rajna kienu vojta li kellu jigri mad-dar tipo. Hu kellu bowls mifruxin mad-dar kif niftakar sewwa u kienu... Vojta kienu ta....**kien hemm klieb gol-gaggeg u kienu zghar wisq"**.*[44] Jikkonferma li l-klieb kienu mitmughin, *"Maghlufin sewwa kienu"*, izda kien hemm minnhom fejn kellhom ***eye diseases*****, suf imwaqqa' u kellhom bzonn il-kura ta' veterinarju.**[45]

---

[37] Fol.343
[38] **Dok. KC** a fol. 124 et seq
[39] Fol.128-134; 157-161
[40] Fol.135, 137-139; 152-153; 189-191; 204
[41] Fol.144-145; 166
[42] Fol.114-115
[43] Fol.115. Rapport **Dok.LVVC** a fol.74-96
[44] Fol.115-116
[45] Fol.118-119

**Dr. Lex Hornsby** ikkonfermat kif kienet parti minn team ta' veterinarji li examinaw numru kbir ta' klieb.[46] Tixhed li: *"they had a parasite skin issues then to disease and all of those one presented on that day, that they were females had signs of extensive mamory gland development, that is were the breast was very enlarged and that they clearly either been used for breeding or **over used** for breeding….. **dental disease** it is something that occurs if the teeth are not looked after, …… and then the parasite in terms of skin…. A lot of them they were in **poor body condition**….if an animal has been pregnant well often not have much body fat on them for example because all of the nutrition is going on to the puppies and if it been lactating that is another problem on the body….. if you have an animal that has been continously used for breeding, then it takes a toll on the body if they are having one or two litters a year so it is quite **excessive**."*[47]

**Rosaline Agius** *manager* tas-santwarju AAA (Association for Abandoned Animals) spjegat kif l-animal welfare ghaddewlhom diversi klieb biex jigu kkurati fis-santwarju gestit minnhom.[48] Kelb minnhom *"dahal b ghajnejh mifquwa u mifquwa antika, **skin infections kbira u fungal infection mal gilda** kollha, **sninu kompletament imhasrin bil kemm jista jiekol**, ….. Kelba ohra dahlet bi skin infection bhal kull kelb iehor, il **brijat li kellha mhux mijiet imma eluf, kellha ftuq jigifieri min jaf min xhiex ghaddiet**…., Il ftuq kien antik hafna, jigifieri ma kienx ghadu beda, kellha balla kbira hwn hekk jigifieri xi haga ta ugieh kbir ghal kelba … Kelba ohra semmejinieha Chloe …..**kelba li lanqas biss suppost qed tigi mghamra pero qed tibqa tigi mghamara kontinwament** bhal ohrajn mimlija bi **skin infections, snin imhasrin"**.*[49] Kelb iehor ma kellux pijl bl-*infection* estensiva li kellu,[50] kif ukoll kellu daqqiet fuq widnejh x'aktarx kawzati meta klieb jithallew jiggieldu ghall-ikel ma klieb ohrajn. Issemmi *"kif ic-certu tip ta negligenza kbira u l unika kelb li kien naqra mhux hazin … kull ma kellu snien mhassrin bhal l-ohrajn min dieta hazina"*[51]. Ix-xhud esebiet rapport maghmulha minn veterinarji li kkuraw dawn l-annimali. Il-kelba li welldet kellha **l-utru marid dovut ghall-fatt li ma kienitx tal-eta` li titghammar**.[52] Agius tispjega kif hadet hsieb dawn il-klieb *"Jiena kont il persuna li taghthom il pinolli, li hsilthom li naddaftilhom stiches ta kuljum dawn, il klieb mdamdmin il kelma."*.

[46] Fol.225-227
[47] Fol.228-229
[48] Fol.237-238
[49] Fol.239
[50] Fol.240
[51] Ibid.
[52] Fol.243

Agius ma taqbilx ma dak li xehdet veterinarju Hornsby meta qalet li parasiti fuq  klieb hi haga normali:[53] *"Lanqas xejn, jien ghandi tmenin kelb gewwa is santwarju u m ghanidx parasite wahda, nistghu morru issa jew il klieb tiehu hsibhom kif suppost anzi nista nghid b wicci il quddiem li dan il veterinarju li qall illi hekk ghandek ammont ta klieb ghandhom il briet qed jghid hazin, mela il klieb izzomom bil parasiti, jista jmarradhom ….Hekk jithasru is snien tohodhom ghax veterinarju u jaghmilhom l intervention, wahda mill klieb dik li semmejna poppy tant hekk forsi nista nghid tant kemm kienu mhasrih thasru minn mal ghadam jigifieri il veterinarju hekk kellhom tifthilha ix xedaq u taqlalha"*[54]. Spjegat li ghand l-animal welfare kienu jsiru biss *orthopaedic surgeries* w affarijiet simili, il-bqija huma jirrikorru ghand veterinarji privati.[55] Ge prezentat dokument li jindika in-numri ta' *chip* li nghataw dawn il-klieb mill-Animal Welfare Department.[56] Ix-xhud esebiet diversi ritratti biex juru l-istat hazin li kienu fih dawn il-klieb.[57] Dawn ir-ritratti juru l-kundizzjonijiet li kienu qed isofru minnhom dawn il-klieb propju kif iddeskriviet ix-xhud fil-kors tat-testimonjanza taghha.

**Lewis Pace** ghazel jiehu l-pedana tax-xhieda w ikkonferma li l-klieb, li minnhom kien hemm 7 griewi, ma kellhomx identifikazzjoni elettronika, 'chippep',[58] ***"Ma ghamiltilhomx".***[59]Fuq talba tieghu, tlett ijiem wara, nghatatlu lura kelba.[60] Jattribiwxxi l-hmieg li kien hemm ghax dakinhar ma kienx ghadu kienes u naddaf.[61] Dwar kif kien izomm il-klieb *"Kieku taghmilhom flimkien, joqtlu wiehed lill-iehor, inqassamhom ghalihom ghalihom, ahjar minn gol-gagga";* ghalhekk qassamhom fi kmamar.[62]

Dikjarazzjonijiet li gew kontradetti mill-ispetturi w mill-vetterinarju li lkoll xehdu li l-hmieg kien ilu zmien twil jakkumula, filwaqt li l-klieb ma kienux mifrdudin izda kollha kienu qed jigru mad-dar. ir-ritratti w *video clips* esebiti jikkoroboraw bi shih dawn il-verzjonijiet.[63]

L-imputat jishaq li kien jiehu hsieb il-kura tal-klieb: *"f'sena wahda ghamilt 3 operazzjonijiet cesarja Hal Qormi ghand dak ta' quddiem Adrian, tlieta ghamilt f'sena, infaqtilhom kwazi 180 jew 200 ewro. F'sena tlieta, qabel qatt ma kelli li ghamiltilhom*

[53] Ibid.
[54] Fol.244
[55] Fol.245
[56] **Dok.RA** a fol.249
[57] **Dok.RA1** a fol. 250 et seq
[58] Fol.349
[59] Fol.350 u 359
[60] Fol.351
[61] Fol.353
[62] Fol.354
[63] **Dok.KC** a fol124 et seq

*cesarja. Kull ma jonqoshom anke mmur fejn is-salib tal-Marsa nixtri….. jien inhobbhom, nista' nghidlek li jien mhux ser nitqazzez nitkellem, jien daqs kemm inhobb l-annimali ma hawnx…..U nhobbhom hafna, l-qtates kollox inhobb."*[64] Ma jaqbilx ma dak li kkonstataw xhieda ohra dwar il-kundizzjoni hazina li kienu fiha l-klieb *"jghidu li jridu".*[65] Pace jammetti li <u>kien hemm periklu jekk il-klieb kbar jigu f'kuntatt maz-zghar</u>, u **jikkonferma li kien jaghmel negozju minnhom**, *"Fil-kcina dawk iz-zghar kont naghmilhom go gagga ghax dawk joqtulhomli l-kbar…Iz-zghar kont naghmilhom ghalihom ghax dawk joqtulhomli**…. kont inbieghhom dawk**".*[66] Jinsisti li l-klieb kienu kkurati u li ttiehdu mill-animal welfare fi stat ta' sahha tajba *"jien tajthomlom b'sahhithom".*[67]

In kontro-ezami jerga' jammetti li kien ghamel negozju minn dawn il-klieb:

***"Prosekuzjoni:** Issa, f'40 sena gieli bieghejt klieb?*
***Lewis Pace:** Iva gieli bieghet*
***Prosekuzjoni:** Ghidt lill-Qorti, kemm kont tbieghhom il-klieb?*
***Lewis Pace:** Mhux skond kif ikunu, iz-zghar jien*
***Prosekuzjoni:** Kemm il-darba bieghejt klieb inti f'40 sena?*
***Lewis Pace:** Bieghejt nahseb 20, 25*
***Qorti:** 25 xiex? 25 kelb jew 25 darba?*
***Lewis Pace:** Le griewi 25 kelb bieghejthom*
***Qorti:** F'40 sena 25 kelb biss bieghejt?*
***Lewis Pace:** Forsi tletin, ifhem, xi haga hekk, ghax tnejn ikollhom dawk tal-but, bejn tnejn u tlieta, qed tifhem."*

<u>Spejjez</u>

L-artikolu 45(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> (3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), kull persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt dan l-Att tista', flimkien mal-pieni preskritti taħt l-aħħar subartikolu, tkun ordnata mill-Qorti li tħallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attività regolata taħt dan l-Att u għal spejjeż oħra raġonevoli kif il-Qorti jidhrilha xieraq

[64] Fol.356-357
[65] Fol.362
[66] Fol.361
[67] Fol.363

Rosaline Agius, ghal AAA esebiet numru numru ta' ricevuti ghall-spejjez ghat-trattament ta' dawn il-klieb inkorsi mis-santwarju li tmexxi. Dawn l-ispejjez ammontaw ghal **€228.92**.[68]

Minn naha tieghu Noel Montebello esebixxa spejjez li saru mill-Animal Welfare Department fir-rigward ta' dawn il-klieb u jispjega li l-ispejjez *"jittrattaw medicina, visiti l-isptar, substances fejn jidhol l-ikel u hekk li tajna lil klieb, kif ukoll l-adoption fees lil NGO's. Ghax ahna ghal policy taghna li kull animal li nikkonfiskaw jitlaq dirett ghand NGO biex jibda jghix hajja ahjar u allura l-Gvern jkun qed jhallas lil NGO ovjament talli taghmel id-diligenza ta' wara ghand min jmur l-annimal. Fil-fatt qed nipprezenta ukoll rapport inkluz ukoll annexes maghhom fejn jidhlu d-dettalji kollha bil-micro chip number ta kull kelb, x' intefaq fuq kull kelb biex jkollna izjed accountability fejn jidhlu l-affarijiet, u qed nipprezenta ukoll ic-chits ta' l-isptar kollha ta' l-APH, APH huwa l-isptar ta' l-annimali."*. Is-somma dovuta hi dik ta' **€3,967.10**.[69] **Dr. Jurgen Galea** ikkonferma kif inhaddmu dawn l-ispejjez: *"meta saret l-ispezzjoni way back in August two thousand nineteen (2019), l-ewwel ħaġa meta ġew sekwestrati l-annimali, telghu direttament l-isptar l-APH, fejn sarulhom testijiet mediċi, ħafna minnhom kien hemm bżonn li jsirilhom intervent kirurġiku, speċjalment kien hemm minnhom li kienu pregnant, kif ukoll kien hemm minnhom li kellhom problemi kroniċi ta' saħħa, speċjalment fis-snien. Kien hemm oħrajn li kellhom problemi dermatoloġiċi, ifisser tal-ġilda, li kellna mbagħad sussegwentement inkomplu narawhom l-Animal Welfare stess, kemm biex naghtu l- mediċini u kemm biex inkomplu nsegwuhom."*.[70]

Fuq dawn ir-rizultanzi processwali gie soddisfacentement ippruvat li diversi kienu l-klieb ta' eta` varji li thallew jghixu f'kundizzjonijiet li mhemmx dubbju ma kienux idoneji kif ser jigi indikat hawn taht. Gie ppruvat ukoll kif kien hemm 23 kelb li l-ebda wiehed minnhom ma gie identifikat elettronikament u kif minn dawn kien hemm biss 7 griewi li kienu taht l-eta` ta' erba xhur fejn ghalhekk ma tirrizulta l-ebda vjolazzjoni tal-ligi, kuntrarjament ghas-16 il-kelb l-iehor li thallew minghajr identifikazzjoni elettronika bi ksur lampanti tal-ligi.

L-Ewwel Imputazzjoni

L-artikolu 8 tal-**Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali**, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi:

> (2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jiġi abbandunat.

---

[68] **Dok.RA2** a fol. 271 et seq.
[69] **Dok.NMZ** a fol.296 et seq.
[70] Fol.334-335

(3) Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom.

(4) Kull persuna għandha tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġiet ta' annimal li hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal. Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġiet ta'annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.

Fil-kaz in dezamina gie pruvat kif dawn kellhom bzonn kura immedjata, kienu qed isofru minn kundizzjonijiet li lilhom kellha tinghata ghajnuna veterinarja li mhemmx dubbju kienu qed jikkagunawlhom tbghatija u certament dwejjaq. Intqal kif wara li ma nghatwx kura ghas-snien, kienu qed ibghatu biex jieklu. Snin li ddeterjoraw minhabba dieta hazina kif spjegat Agius *"kull ma kellu snien mhassrin bhal l-ohrajn min dieta hazina"*[71] Issemma kif Pace baqa' jghammar kelba li spiccat bl-utru marid tant kemm kien ilu jisfruttaha biex tkompli itieh griewi; ezempju tal-'positive direct intent' li jikkawza tbghatija li jsemmi l-abbli difensur. Mhux biss, l-azzjonijiet ta' Pace kienu azzjonijiet maghmulha minn bniedem li kien konxxju mill-konsgwenzi tal-ghemil tieghu; kien hu li pogga l-klieb f'gaggeg, daqs kemm kien hu li cahhadhom mill-kura medika li kienu jinhtiegu. Kien hu li kkundanna dawn il-klieb ghall-hajja ta' abbandun f'dar li thalliet timtela` u tinkesa mill-hmieg tal-istess annimali li kien nieda negozju minnhom. Mhux ghalhekk u ghalhekk biss kien izommhom mitmughin?

Diversi kienu dawk ix-xhieda li spjegaw in-nuqqas ta' ndafa fuq il-klieb li kawza tal-infezzjoni w parasiti tilfu l-pijl. Il-klieb kellhom il-pijl taghhom mimli feci, mghaqqad bil-hmieg filwaqt li thallew bi dwiefer twal izzejjed. Dawn il-kundizzjonijiet, bl-ebda sforz tal-immaginazzjoni, ma jistghu jammontaw ghal ambjent xieraq, lok adatt sabiex l-annimal jesprimi ruhu jew ghall-akkomodazzjoni xierqa, kundizzjonijiet li l-artikolu 8 jaghmel riferenza ghalihom u jesigi li jkunu jezistu qabel ma wiehed jintriga jzomm annimali. L-istat li thallew fih dawn il-klieb mhemmx dubbju li hu stat t'abbandun, forma ohra t'ghemil sancit bl-istess artikolu 8 tal-Att.
Gja` intwera kif griewi thallew f'kaxxa miftuha u b'hekk f'halq klieb ferm akbar li kienu qed jiggerrew mad-dar bil-hmieg imwahhal maghhom; din zgur ma tistax titqies bhala s-segregazzjoni rikjesta mill-legizlatur.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-abbli difensur li bil-fatt li dawn il-klieb kienu qed jigu mrobbija f'dar kbira, dan ghandu jwassal lil Qorti tqis li ghalhekk kien ipprovdilhom kenn komdu w xieraq. Xejn minn dan!

[71] Ibid.

F'dan il-kaz gie pruvat li l-hmieg kien mifrux mad-dar kollha, inkluz mal-hitan; thallew f'gaggeg tal-fniek fejn l-attenzjoni veterinarja li kienu jinhtiegu giet mcahhda lilhom. Kull ma kien jinteressah Pace, ma kienx l-interess tal-klieb li jghixu f'ambjent nadif, fejn lilhom kienet tinghata kura f'waqtha. Minflok halla 23 kelb jghixu fil-hmieg taghhom stess, isofru minn kundizzjonijiet li kif intwera, kellhom jintefqu sommom konsiderevoli fuqhom, biex dawn jitfejjqu.

Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni giet pruvata sal-grad mistenni.

It-Tieni Imputazzjoni

Daqstant iehor u ghall-istess ragunijiet giet pruvata t-tieni imputazzjoni li tirrigwarda ksur tar-**Regolmenti dwar iz-Zamma tal-Klieb**, L.S.439.21 li fir-Regolament 4 jipprovdi:

4. Iż-żamma fi spazju limitat huwa permess biss:

   (a) f'kumpartiment adekwat skont l-Iskeda ġewwa żona mdawra bi ċnut sikuri;
   (b) fuq art li hija solida u impermeabbli;
   (ċ) f'kundizzjonijiet ta' iġjene tajba; u
   (d) mingħajr irbit jew trażżin:

Ir-ritratti esebiti juru klieb f'gaggeg zghar wisq ghalihom, fond inkallat bi hmieg li evidentement kien ilu jakkumula - kif jixhdu r-ritratti mehuda mill-ufficjali tal-Animal Welfare u senjatament dawk tal-ufficjal Marisa Portelli.[72] Dawn kollha huma kondizzjonijiet li jikkawzaw tbghatija u dwejjaq f'annimal li jixraqlu li jkun mizmum f'indafa, kurat u mbieghed mill-mard.

Gie pruvat kif l-imputat naqas milli jipprovdi kenn xieraq, komdu u kbir bizzejjed ghal whud mill-klieb li kellu msakkra fil-fond mikri lilu. Intqal kif il-gaggeg li zamm il-klieb fihom kienu dawk intizi ghal fniek jew qattus u mhux ghal kelb u anke tnejn! Kif qatt jista', post mimli hmieg tant li f'partijiet tad-dar lanqas l-art u t-tarag ma baqghu jidhru, qatt jitqies bhala ambjent komdu jew xieraq ghal dawn il-klieb?

Fl-Skeda tar-Regolamenti dwar iz-Zamma tal-Klieb, L.S.439.21 insibu wkoll is-segwenti:

Speċifikazzjonijiet għal kumpartiment ta' kelb

Kumpartiment ġenerali

[72] Vide **Dok.KC** a fol. 124 et seq

> 1. L-ebda kelb ma jista' jiġi ristrett fi kwalunkwe ħin b'hekk li jiġi kkawżat lilu tbatija jew ġrieħi. Kull annimal għandu jingħata l-ispazju xieraq għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi skont l-esperjenza u tagħrif xjentifiku stabbiliti……..
>
> 3. Il-materjali li għandhom jintużaw għall-kostruzzjoni tal-akkomadazzjoni, speċjalment dawk li jiġu f'kuntatt dirett mal-kelb, ma jistgħux ikunu ta' ħsara lill-annimal u għandhom ikunu jistgħu jiġu **mnaddfa u diżinfettati** fil-fond.
>
> 4. L-art li fuqha jinżammu l-klieb għandha tiġi **ddisinjata, mibnija u miżmuma b'tali mod li ma tikkaġunax ġrieħi jew tbatija** lill-klieb.
>
> 5. Iċ-ċirkolazzjoni tal-arja, livelli ta' trabijiet, temperatura, umdità realttiva tal-arja u l-konċentrazzjoni ta' gass għandhom jinżammu fil-limiti li ma jkunux ta' dannu għall-annimali. 6. Il-klieb m'għandhomx jiġu miżmuma la **fi dlam permanenti** u lanqas mingħajr perjodu xieraq ta' mistrieħ minn dawl artifiċjali. ….

Dwar il-hmieg li kien akkumula maz-zmien, gja` ntqal hafna. Issir riferenza ghal dak kkonstatat fir-rapport li fil-fond ma kienx hemm kurrent ta' dawl *"no electricity"*[73] biex ghalhekk ma nzul ix-xemx dawn il-klieb mizmuma go fond, bghatew dlam permanenti.

Mir-ritratti gie muri kif dawn il-klieb kienu mitluqin go gaggeg fuq *cupboard* jew xi mejda; gaggeg ristrettissimi li ma ppermettewx lill-klieb mizmuma fihom jezercitaw movimenti hielsa kif stipulat b'dan ir-regolament. Jitfakkar dak li kkonstata l-veterinarju Dr. Vella Verzin, *"Bhala daqs tal-gageg li zzomm il-fniek fihom, kien hemm iktar minn kelb wiehed fihom. Kien hemm gagga minnhom kemm kemm ikbar, qisu* ***nofs metru, kien hemm zewg iklieb mara u ragel … la sodda dawn ma kellhom. Dawn kellhom bicca tray tahthom u daqshekk. …****li rajt kien hemm tlett gageg"*[74] Marisa Portelli wkoll issemmi kif klieb kienu mizmuma f'gaggeg tal-fniek. Minn naha tieghu Mario Axisa xehed ***"kien hemm klieb gol-gaggeg u kienu zghar wisq".***[75] Dan jikkontrasta bis-shih mal-qisien stipulati fil-Para.2 tal-Skeda fejn jinghad ukoll li:

> Kull kumpartiment għandu jkun provdut b'żona tal-irqad u żona tal-eżerċizzju bid-daqs mhux inqas minn dan li ġej:

Biex imbghad l-inqas erja ghal kelb wiehed hi ta' metru kwadru, qies li huferm anqas minn nofs metru li kien fihom il-gaggeg! *Multo magis* jirrizulta ksur lampanti kkunsidrat li f'gaggeg kienu tpoggew zewgt iklieb.

[73] Fol.41 u Fol.75

[74] Fol.26-27

[75] Fol.115-116

It-Tielet Imputazzjoni

Ir-Regoalment 4 tar-***Regolamenti dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb,*** L.S. 437.101 jistipula:

1. Kull persuna li jkollha fil-pussess tagħha kelb skont dawn ir-regolamenti għandha tidentifika elettronikament dan il-kelb sal-31 ta' April, 2012.

Rigward l-ahhar imputazzjoni jirrizulta, mix-xhieda ta' Dr. Vella Verzin kif ukoll minn dik tad-Direttur Noel Montebello,[76] li minn 23 kelb l-ebda wiehed minnhom ma kien *chipped*. Anke Mario Axisa jikkonferma li kien l-imputat stess li mieghu ammetta li l-klieb ma kienux *chipped:* ***"qalilna li ma humiex iccipjati u bdejna niccekjaw humiex iccipjati u ma kienux iccipjati......*** *Klieb kien hemm hamsa Shitsu, hamsa minnhom puppies, wiehed Maltese terrier mix u 15 il-Chihuahua, tnejn minnhom puppies".*[77] Kienu biss l-Animal Welafre li ghamlu identifikazzjoni eletrronika taghhom qabel ma dawn ittiehdu ghand l-AAA. Pace jammetti li ghalkemm kellu klieb kbar, ma kienx ghamilhom identifikazzjoni elettronika.

Jirrizulta wkoll li kienu biss 7 klieb taht l-eta` ta' erba (4) xhur[78] u ghalhekk din it-tielet imputazzjoni giet ppruvata biss fir-rigward ta' 16 il-kelb.

Il-Piena

Fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena l-Qirti qiset li fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet japplika l-principju tal-konkors formali ta' reati, fejn fil-kaz in dezamina l-piena tkun l-istess wahda kif ravvizata bl-artikolu 45(1)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-Regolament 8 tar-**Regolamenti dwar iż-Żamma tal-Klieb**, (L.S. 439.21) jipprovdi –

8.Kwalunkwe persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta'dawn ir-regolamenti, tkun ħatja ta' reat u suġġetta, meta tinsab ħatja, għall-pieni stabbiliti fl-Att.

Issa l-***Att XXII tal-2019*** promulgat fid 16 ta' Lulju, 2019, li permezz tieghu hraxu l-pieni ghal reati taht l-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, dahal fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 265 tal-2019. Dan l-avviz legali stabilixxa id-data tad-

[76] Fol.68
[77] Fol.114-115
[78] Fol.32

29 ta' Novembru, 2019, bhala dik id-data li fihom kellhom jidhlu fis-sehh dawk l-emendi inkluz iz-zieda fil-piena ghall-reati sanciti b'dak il-Kapitolu.

Ghalhekk maghdud mal-fatt li l-imputazzjonijiet odjerni jirrisalu ghal Awissu, 2019 u z-zmienijiet ta' qabel, jibqghu japplikaw il-pieni qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XXII tal-2019.

Gie kkunsidrat ukoll li l-imputat kien qed izomm f'dawn il-kundizzjonijet orrendi w deplorevoli, sors ta' tbghatija u dwejjaq gratwitament, lil xejn anqas minn 23 kelb ta' eta varji, biex b'hekk mhemmx dubbju li japplika l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

Rigward it-tielet imputazzjoni gie kkunsidrat li l-imputat kellu 16 il-kelb li kellhom jigu identifikati elettronikament (*electronically identified)* u ma kienux. Il-piena ravvizata ghal kull kelb li ma jkunx gie identifikat elettronikament hi dik ta €300.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat li ma tohloq l-ebda preokkupazzjoni ghall-qorti. Ittiehed kont ta' dak li xehed Noel Montebello li sahaq li f'dan il-kaz ma kienx hemm xi kattiverja da parti ta' Pace fuq dawn il-klieb. Ghalkemm gie dikjarat li dawn il-klieb kienu mitmughin tajjeb, dan ma jnaqqas xejn mill-abbandun u telqa li thallew jghixu fiha mill-imputat. Dik ukoll hi forma ta' kattiverja, specjalment meta jitqies li l-imputat bena negozju mill-mizerja li halla dawn il-klieb fiha.

Il-fatt li jkollok 23 kelb jghixu f'dar mimlija hmieg, f'gagga thalli zewgt iklieb bil-kemm ghandhom fejn jiccaqalqu, f'gaggeg ohra ssakkar fihom klieb li sussegwentement baqghu fi spazju ristrett, mhi xejn ghajr forma ta' **tghakkis u tbghatija** li ma tista' qatt issib gustifikazzjoni. Persuna li thobb il-klieb certament ma kienitx ser thallihom f'dak l-istat, jghaffgu fil-hmieg taghhom stess, ghatxana ghall-attenzjoni ta' veterinarju!

Li kieku verament, kif isostni l-abbli difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha, dawn il-klieb kienu l-mimmi t'ghajnejn Pace, dan ma kienx ser jaqfilhom f'gaggeg fejn bilkemm setghu jiccaqalqu.

Iktar milli jhobb il-klieb, kif irid lill-Qorti temmen, l-imputat certament kien ihobb iddawwar lira zejda w bena negozju jghammar dawn il-klieb bla ebda attenzjoni ghall-htigijiet u bzonnijiet taghhom. Faccli taghmel l-arja u tabbuza minn dak li lehen m'ghandux!. Kien ghalhekk li l-legislatur fassal qafas legali, *inter alia,* il-Kapitolu 439 u ligijiet sussidjarji varji, intiz biex jeradika l-abbuz kontra l-annimali, abbuz li ghalih hemm pieni pekunarji horox kif ukoll pieni karcerarji.

Ma ghadx baqa' zmien li jigi tolerrat ghemil simili taht l-iskuzant ghax persuna *"Ma jafx ahjar Sinjura Magistrat, ma jafx ahjar"* kif isostni l-abbli difensur.[79] Qabel ma persuna tintriga ruha w tiddeciedi zzomm annimal ghandha tkun konxxja tal-limitazzjonijiet taghha, ta' dak sancit mill-ligijiet u tosserva skrupolozament l-istess ligijiet li fl-ahhar mill-ahhar huma intizi biex jissalvagwardjaw il-benessere tal-annimali u jeradikaw l-abbuz u sfruttament bla qies taghhom.

Id-difiza trid jigi emnut li Pace *"Il-klieb kienu qishom it-tfal tieghu, qishom it-tfal qed jghidilna"*[80] izda l-provi taw stampa ferm differenti. Dak li kien ihobb Pace kien in-negozju li jaghmel minnhom. Min ihobb lill-uliedu ma jipprofittax ruhu minnhom, mill-bejgh taghhom, jghakkashom bl-iskop ahhari jkun dak li jinfexxu f'xulxin u jtuh aktar frieh biex ibiegh!

Maghdud dan kollu, u kkunsidrati c-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz, inkluz il-kundizzjoni medika prekarja tal-imputat, il-Qorti ma thossx li ghandha tinghata piena karcerarja lill-imputat li ma jipprezenta l-ebda perikolu serju ghas-socjeta`.

Madanakollu l-piena erogabbli ghandha tirrifletti l-gravita` tal-ghemil li tieghu li dwaru qed tinstab htija; ghemil li l-***Att XXII tal-2019*** wera li ghandu jigi kastigat b'pieni ferm aktar horox.

<u>Decide</u>

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(f) u 18 tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 8(2) u 45(1)(a)[81] tal-**Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali,** Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 4 u 8 tar-**Regolamenti dwar iz-Zamma tal-Klieb** (L.S.439.21), u r-regolamenti 4 u 11 tar-**Regoli dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb** (L.S. 437.101), issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal **tmintax il-xahar prigunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu <u>sospizi ghall-erba (4) snin millum</u>, **u multa ta' ghoxrin elf ewro (€20,000).**

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

---

[79] Fol.370

[80] Fol.369

[81] Il-piena fiz-zmien li twettqu dawn ir-reati kienet kif gej:
(*a*) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn elf euro (€1,000), iżda mhux iżjed minn ħamsa u ħamsin elf euro (€55,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Inoltre` ai termini tar-Regolament 5(9) tar-***Regoli dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb, (L.S. 437.101),*** l-imputat qed jigi projbit milli jkollu kelb jew milli japplika għal xi licenza oħra ta' kelb għal ghomru.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ammont ta' **€589.40** rapprezentanti l-spejjez peritali.

Finalment ai termini tal-Artikolu 45(3) tal-**Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali,** Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna lill-imputat ihallas lid-Dipartiment tal-Animal Welfare is-somma ta' **€3,967.10** u lil Association for Abandoned Animals (AAA) is-somma ta' **€228.92**[82] rapprezentanti spejjez imgarrba minnhom rispettivament ghat-trattament tal-annimali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[82] **Dok.RA2** a fol. 271 et seq. Dan l-ammont jikkoncerna biss dawk il-klieb msemmija fid-deposizzjoni taghha u li jissemmew fl-*invoices* relattivi.